**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 39 SARET NHAR**
**Il-ĦAMIS 3 TA'APRIL 2014 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetcuti | Membru |
| Wallace Farrugia | Membru |

Ic-Chairperson F. Salt u l-Membru A. Paris kienu skużati minħabba ragunijiet ta' safar.

**TALBA**

Il-Vici-Chairperson qalet t-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 37 ġew approvati hekk kif emmendati. Il- Vici Chair person M. Abela ipproponiet u l-membru W. Farrugia ssekonda.

## II. KOMMUNIKAZZJONI MINN DAWK PREZENTI

Mill-Viċi Chair person M. Abela

1. Il-Viċi Chair person rreferiet għal skema ta' fondi mill-EU li jammontaw għal €50,000 li jingħataw biss fuq il-bażi *first come first served.* Wara diskuzzjoni twila, il-Kumitat ideċieda li ssir l-applikazzjoni meħtieġa għall-*walking track*. Ġie deċiż ukoll li jkun jaqbel jekk issir laqgħa fuq il-post inkwistjoni sabiex jiġi stabilit x'se jsir eżatt. Din il-laqgħa hija pjanata li ssir nhar it-Tlieta 8 ta' April fl-3.45pm.

Mill-Membru A. Chetcuti

1. Il-Membry tkellem dwar il-bankina wiesgħa ta' Triq il-Bir kantuniera ma' Caf Caf Lane. Huwa nforma li skond l-aħħar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mit-Transport Malta ma jistax jsir parkeġġ fuq din il-bankina. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill

Mill-Membru W. Farrugia

1. Il-Membru staqsa dwar jekk kienx hemm xi żvillupi dwar il-kostruzzjoni bit-tarmak ta' Triq l-Inġinier. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li bħalissa huwa qed jikkomunika mas-Sinj. T.Mercieca mill-NAO sabiex jkollu konferma bil-mitub rigward ir-rati tat-tender.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |